**- SELF -**

**– PROVI KONTRA SKRITTURA PRIVATA -**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 t'Ottubru 2001**

**Kawza Numru. 33**
**Citaz. Numru. 1752/96/RCP.**

**Alfrida Borg u zewgha Anthony Borg bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**Carmen Camilleri u zewgha Anthony Camilleri bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenuta hija vera certa u likwida debitrici a favur tal-atturi fis-somma ta' erba’ t'elef lira maltija (LM4,000) ammont ta' self somministrati mill-attrici lill-konvenuta.

Illi Anthony Camilleri huwa r-ragel tal-konvenuta u kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu il-konvenuta;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-atturi, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit *ai termini* tal-Art 167 Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

L-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh *ai termini* tal-art 167 - 170 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' erba' t'elef lira Maltin (Lm4000) ammont ta' flus mislufa mill-atturi lil konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata u bl-interessi mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduta tad-29 ta' Mejju 1996 u tal-20 ta' Novembru 1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 71) fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici ghal din ic-citazzjoni intavolata nhar l-24 ta' Mejju, 1996, u ga deciza nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju, 1996 pero liema sentenza giet annullata mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-Tnejn, 5 t' Ottubru, 1998, fil-mertu u minghajr pregudizzju m'huwa minnu xejn, dak li qeghdin jippremettu l-atturi li huma veru certi u likwidi debituri kontra l-konvenuti fis-somma t'erbat elef lira Maltija (Lm4000) ammont ta' self somministrat

mill-atturi lill-konvenuti, u b'mod partikolari mill-attrici lill-konvenuta.

2. Illi da parti tieghu Anthony Camilleri,ir-ragel ta' Carmen Camilleri, zgur li ma kien jaf b'xejn u qatt ma ta l-kunsens tieghu kieku ghall-grazzja ta' l-argument veru kien hemm dana l-ammont ta' self, pero da parti taghha l-konvenuta Carmen Camilleri mart Anthony Camilleri, kif ikkonfermat fid-Dikjarazzjoni guramentata taghha, qieghda tichad li hija qatt giet mislufa mill-attrici Alfrida Borg, bil-kunsens ta' zewgha Anthony Borg xi somma ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4000), u ghalhekk m'huwa minnu xejn dak illi qalet Alfrida Borg bil-gurament taghha permezz t'affidavit fic-citazzjoni odjerna, u li allura fil-mertu l-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi huma m'ghandhom jigu kkundannati jhallsu ebda ammonti lill-atturi, iktar u iktar fis-somma ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4,000) peress illi mhux minnu li dawna l-flus gew mislufa mill-atturi lill-konvenuta Carmen Camilleri f'kull kaz Anthony Camilleri ma kien jaf b'xejn b'dan, u ghalhekk kieku ghall-grazzja ta' l-argument sar dana s-self, dan huwa null u bla bazi legali, u f'kull kaz l-istess konvenuta qieghda tichad li hija qatt irceviet xi ammont ta' flus simili bhala self minghand Alfrida Borg bil-kunsens ta' zewgha Anthony Borg.

3. Illi l-eccipjenti ghalhekk, m'ghandhom ibatu ebda forma ta' spejjez, u m'ghandhom ibatu ebda

forma ta' interessi, billi dawna la huma legalment dovuti u lanqas fattwalment.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom a fol 74 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Jannar 1999 u tas-17 ta' Mejju 1999;

Rat in-nota tal-atturi li biha pprezentaw l-affidavits taghhom.

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' Dicembru 1999 u tat-12 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti a fol 95 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Ottubru 2000 u tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-atturi a fol 101 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota tal-konvenuti a fol 109 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha pprezentaw l-affidavits taghhom u ta' Glorianne Vassallo.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2001 fejn xehdet Glorianne Vassallo. Dr Bonnici ghall-atturi obbliga ruhu li permezz ta' nota jesebixxi dokument dwar il-pagamenti li saru u ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2001 fejn Dr Emy Bezzina ghall-konvenuti ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha pprezentaw l-affidavit ta' Anthony Camilleri.

Rat in-nota tal-attrici a fol 178 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti tal-21 ta' Gunju 2001 fejn xehdet Carmen Camilleri. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Lulju 2001; u tat-2 ta' Lulju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 t'Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fil-kawza odjerna l-attrici qed tallega li l-konvenuta hija debitrici tal-attrici fis-somma ta' erba' t'elef lira Maltin (Lm4000) ammont ta' self somministrati lilha.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tichad li ghandha taghti l-ammont imsemmi. Il-konvenut qed isostni li hu ma kien jaf b'xejn u qatt ma ta' l-kunsens tieghu kieku ghall-grazzja ta' l-argument sar dan is-self, u inoltre` jekk dan sar huwa null u bla bazi legali.

Illi fl-affidavit taghha l-**attrici Frida Borg** spejgat li l-konvenuta tigi oht il-mara ta' huha. Hija qalet li fil-bidu Carmen Camilleri kienet tixtri xi deheb minghandha peress li kienet iggibomlha bid-dejn u kienet thallashom f'pagament fix-xahar u dejjem hallsitha. Meta spiccat thallas id-deheb talbitha sabiex tissellef xi flus u thallas f'pagamenti mensili. Wara li, allegatament, sellfitha kemm il-darba xi flus, zewg Carmen ukoll ried xi affarijiet ghalih tad-deheb u kien ukoll ihallas b'pagamenti fix-xahar. Dan sar diversi drabi u x-xhud qalet li hi kienet tafdha peress li dejjem hallset lura. L-attrici kompliet li f'Jannar 1993 il-konvenuta talbitha Lm1000 u l-attrici tathomlha wara xi gimgha. Fil-bidu ta' Frar 1993 il-konvenuta marret ghand l-attrici u stqarret maghha li l-flus li kienet issellfet kienu kollha ghaliha; u inoltre` li parti mill-flus mislufa kienet tuzahom biex thallas xi dejn li kellha ma

haddiehor. Dan kollu sar quddiem xi hadd minn hut il-konvenuta u l-mara ta' huha. Il-pagamenti saru kif xtaqet hija, cioe` Lm20 fix-xahar u iehor ta' Lm30 fix-xahar. Dawn kompliet thallashom b'dan il-mod mit-30 ta' Marzu 1993 u waqqfet thallas f'Marzu 1994, cioe` hallset 13 il-pagament.

Illi xehed ukoll permezz ta' affidavit **Anthony Borg**, ir-ragel ta' l-attrici, li kkonferma u kkorobora ma dak li qalet martu. Huwa fil-fatt spjega li ghal habta ta' Frar 1993 il-konvenuta marret ghandu ma tnejn minn hutha u l-mara ta' huha fejn qalet lil martu biex tirrangalha l-pagament. Hi ghamlet imbaghad sena thallas u waqfet. Ix-xhud kellem lil Anthony Camilleri u kienu marru d-dar tieghu biex jitkellmu. Wara qal li kienu ltaqghu ghand oht Carmen Camilleri u l-konvenuta qalet li l-ahhar elf lira (Lm1,000) ma kienitx hadithom f'idejha u ohtha, Mary Debattista, fhemitha kif kienet hallsitha xi djun li kellha taghti. Dan kollu sar fil-presenza ta' zewgha, Anthony Camilleri, tant li beda jnizzel kollox fuq borza kannella li tinsab ghand ix-xhud.

Xehdet ukoll **Mary Debattista,** oht il-konvenuta u mizzewga lil hu l-attrici. Hija xehdet li meta ohtha kien ikollha bzonn xi haga tal-flus kienet tmur ghandha sabiex iccempel lil oht ir-ragel, cioe` l-attrici biex tislifha l-flus. Gieli kellmitha hija personalment. Din l-affari damet aktar minn sitt snin. Fuq mod regolari l-

ammont involut kien ikun elf lira Maltija kull darba. Xi drabi kienet taghtijomlha l-attrici sabiex tghaddijomlha. Darb' ohra mar l-attur ghandha u wrietu fejn joqghod. Qalet ukoll li kien hemm zmien li meta waqfet mill-pagament kienet thallas lill-atturi hi stess. Ix-xhud irreferiet ukoll ghal meta l-atturi u hi gew mistednin ghand il-konvenuti sabiex l-attrici tirrangalhom il-pagamenti biex jitnaqqas kemm jista' jkun. Pero` ma kienux qalu li m'ghandhomx jaghtu. Sussegwentement iltaqghu fid-dar tieghu u l-konvenuta ghamlet opposizzjoni ghall-Lm1,000 li qalet li ma haditx ghaliha, izda x-xhud issostni li hi stess halsitilha diversi pagamenti ta' debiti li kellha ma haddiehor.

Il-konvenuta **Carmen Camilleri** cahdet kategorikament li ghandha taghti xi flus lill-atturi. Hi qalet li ohtha Mary Debattista kienet qaltilha li Frida tislef xi flus u li bdiet tissellef xi flus minghandha li ma kienux eluf. Skond ix-xhud l-attrici kienet tiehu Lm10 rigal kull mija u 25% imghax. Imbaghad hi qalet lil ohtha biex tghidilha x'kellha u risposta ma haditx. Hi kompliet li fl-1993 marret ghandha Mary Debattista u qaltilha li Frida riedet tkellimha. Ir-ragel taghha beda jghajjat u jghid lil Mary Debattista x'ghamlitilhom u kemm iddejnitilhom flus.

Hi kompliet li wara sabitha u bdiet tirrikkattaha ghax lir-ragel taghha tafu, u hi tant bezghet mir-ragel li

jitlaqha u johdilha t-tfal li ffirmat. Bejn l-1993 u l-1994 ghamlet sena thallas. Kienet tmur seftura man-nies biex thallas il-pagamenti u dan bla ma kien jaf zewgha. Sussegwentement qalet lil zewgha u marru ghand avukat. Hi ghamlet stqarrija bil-gurament fir-Registru tal-Qorti, qabel ma giet intavolata c-citazzjoni odjerna, fejn iddikjarat li ma kelliex taghti.

Hi sostniet li ma kellha x'taqsam xejn mas-somma ta' flus, u giet involuta biss minhabba li kien hemm dak id-dejn kollu fuq Mary Debattista u mbaghad ippruvaw jitfghu d-dejn fuqha u dbiet tirrikattaha li ser tghid lir-ragel.

Fir-rigward ta' Mary Debattista, oht ix-xhud, qalet li din kienet tiddejjen minghand Alfrida Borg ghaliha u tghidilhom li kienet qed taghmel hekk ghal haddiehor u huma ma kienux ikunu jafu. Kwindi, allegatament, l-atturi hasbu li hi kienet imdahhla f'dawn is-Lm6,000 li kienu taw lil Debattista, mentri fil-fatt Mary Debattista hadithom il-flus. L-attrici qaltilha li hi riedet tohrog minnhom anki jekk il-konvenuta qaltilha li kienet hallset li hadet. Ghalhekk Alfrida Borg nehhiet lil Mary Debattista min-nofs. Irreferiet ukoll ghal Glorianne Vassallo li kellmitha u qaltilha li Alfrida Borg haditha quddiem l-Avukat taghha biex tghidlu li Borg kienet sellfet lill-konvenuta Lm2,000. Din Vassallo qaltlu li ma rat xejn.

**Glorianne Vassallo** xehdet fl-affidavit li hija qatt ma taf li tawha xi flus quddiemha lil Carmen Camilleri. Meta l-attrici qaltilha biex tiffirma dan kien bil-kuntentizza tat-tnejn pero` ma rathiex taghtiha l-elfejn lira. Qalet ukoll li l-attrici kemm-il darba cemplitilha x-xoghol biex tixhed bil-maghluq fuq dawn il-flus pero` hi ma rieditx.

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti qalet li hi qatt ma gabet flus lis-Sinjura Camilleri minghand is-Sinjura Borg, u qatt ma hadet flus minghand is-Sinjura Camilleri ghal ghand is-Sinjura Borg. Kienet biss darba meta kienet prezenti fejn sar kliem bejn il-partijiet koncernati. Hi ftakret li kien xi kaz fuq xi Lm2,000 xi sitt snin ilu fejn is-Sinjura Borg tat lis-Sinjura Camilleri. Il-konvenuta marret ghand l-attrici fuq xi self ta' flus. Ix-xhud giet murija Dok GV1 (a fol 132 tal-process) li kitbet hi stess. Hi xehdet li kienet prezenti pero` flus ma ratx. Hi qalet li kienet marret mal-konvenuta ghand l-attrici biex jirrangaw xi kontijiet pendenti; u li l-konvenuta marret biex tirranga fuq kwistjoni ta' flus li kien hemm bejniethom.

Xehed ukoll il-konvenut **Anthony Camilleri** permezz ta' affidavit. Huwa qal illi sar jaf bil-kaz in kwistjoni meta diga kien hemm il-proceduri inizjati fil-Qorti. Spjega kif gie a konoxxenza taghha fid-dettal u fost affarijiet ohra qal li r-ragel ta' l-attrici kien mar sabu fuq il-post tax-xoghol u qallu li Mary Debattista – oht il-

mara tax-xhud kellha xi Lm30,000 dejn. Ix-xhud tah parir biex imur ghand avukat. Sussegwentement kien hu l-mara tieghu li nfurmah fuq id-dejn u hu talab spjegazzjoni lil martu, pero` fl-istess affidavit tieghu jghid: '*L-istorja ezatt nista' nghid li sa hawn nasal li nghid fuqha ghaliex nghid li sa llum jien ghadni ma nafx il-verita` kollha. Jien nahseb, li l-verita` ghadni ma nafhiex sal-lum il-gurnata*".

Huwa cahad li qatt issellef xi haga ghad-deheb minghand l-attrici. Huwa kompla jispjega li meta sar jaf bil-kwistjoni talab li l-partijiet jiltaqghu sabiex jaraw jistghux jirrangaw, pero` originarjament l-atturi bdew jitolbu Lm10,000; martu sostniet li kien kollu gibed u ghalhekk ma sar xejn. Inoltre` huwa qal li martu qatt ma kellha xi dehebijiet kbar. Huwa baqa' jsostni li qatt ma ta' xi forma ta' kunsens sabiex martu tissellef xi flus.

Illi ghalhekk mix-xhieda u provi prodotti rrizulta li jezistu zewg versjonijiet li nghataw mill-partijiet li m'huma xejn kompatibbli. Filwaqt li l-atturi qed isostnu li l-attrici dejnet certu ammonti ta' flus lill-konvenuta li ma hallsithomx lura kollha; il-konvenuti qed jghidu li m'ghandhomx jaghtu. Inoltre` l-konvenuta allegat li Mary Debattista ssellfet flus f'isimha u hadithom hija. Illi apparti dan pero` jezistu wkoll id-dokumenti esebiti, mmarkati Doks JB1, JB2, JB4 (a fol 195 sa 197 tal-process) li huma tlett skritturi

privati ta' self ta' ammonti diversi ta' flus maghmula mill-attrici Alfrida Borg lill-konvenuta Carmen Camilleri.

Illi l-konvenuta allegat li l-firma taghha giet sfurzata billi l-attrici kienet tirrikattaha li se tmur tghid b'kollox lil zewgha, izda tali allegazzjoni bl-ebda mod ma giet pruvata. Jinghad ukoll li peress li jezistu skritturi privati bejn il-partijiet hemm regoli li japplikaw ghal tali sitwazzjoni. Illi fis-sentenza "**Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et**" (26 ta' Mejju 1952 – Appell – Vol XXXVIB.I.119) intqal is-segwenti:

"*Illi r-regola 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' mhix assoluta, u ssofri eccezzjoni f'certi kazi, kif gie mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu in re '**Blackman vs Apap Bologna**'. Il-principji li jirregolaw din il-materja skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti huma dawn li gejjin:*

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re '**Farrugia vs Piscopo**', Kollez Vol XXXI.I.pg 627);*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu dilucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car (Appell 26 ta' Mejju in re '**Attard vs Mamo**', Kollez Vol XXXI.I.pg 441).*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabli ma l-att (App 17 ta' Jannar 1917, in re '**Muscat vs Fiteni**', Kollez Vol XXIII.I.780; Prim' Awla 27 ta' Jannar 1937 in re '**Mifsud vs Mifsud**', Kollezz XXIX.II.1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re '**Rizzo vs Anastasi'**);*

*4. Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali*'.

F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi (Appell - 15 ta' Dicembru 1947 in re '**Mercieca vs Pace**', Kollez Vol XXXIII.I.pg 603)'.

Sussegwentement fit-30 ta' Mejju 1955 fis-sentenza fl-ismijiet '**Charles Brincat noe vs Lucy Camenzuli'** (App Vol XXXIX.B.I.382) dan kollu gie kkonfermat.

Illi l-konvenuti bl-ebda mod ma attakkaw din l-iskrittura bil-mod previst mill-ligi, u lanqas gabu provi la orali u lanqas dokumentali biex iwaqqghu l-iskritturi privati msemmija. Illi ghalhekk mill-provi prodotti rrizulta li l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attrici huwa kif spjegat fin-nota tal-attrici (a fol 178 tal-process) hlief ghall-Lm100 mislufa lill-konvenuta biex tirtira d-deheb taghha mill-Monte` di Pieta` peress li m'hemm l-ebda prova dwarha. Kwindi l-ammont dovut jirrizulta li hu s-segwenti:

1. L-ammont ta' Lm2,600 li kellhom jithallsu sal-25 ta' Frar 1995 skond skrittura ffirmata minn Alfrida Borg u Carmen Camilleri (Dok JB3 a fol 197 tal-process), liema ammont ghadu kollu dovut.

2. L-ammont ta' Lm720. Dan huwa l-bilanc ta' somma akbar li l-attrici sellfet lill-konvenuta skond skrittura ffirmata minn Alfrida Borg u Carmen Camilleri ghall-ammont ta' Lm2180 li beda jithallas b'pagamenti ta' Lm30 mensili mit-30 ta' Marzu 1993 (Dok JB2 a fol 196 tal-process).

3. L-ammont ta' Lm480. Dan huwa l-bilanc ta' somma akbar fl-ammont ta' Lm4,620 li minnhom huwa dovut lill-attrici s-somma ta' Lm2,890 billi Lm730 jappartjenu lil hu l-attrici, il-pagamenti bdew mit-30 ta' Marzu 1993 fl-ammont ta' Lm50 mensili, li minnhom Lm20 jappartjenu lill-attrici (Dok JB1 a fol 195 tal-process).

Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Anthony Camilleri fejn allega li huwa ma kien jaf xejn dwar l-istess self din l-allegazzjoni tal-konvenut fl-opinjoni ta' din il-Qorti wkoll ma gietx ippruvata. Anzi din il-Qorti zzid tghid li l-istess konvenut kien pjenament konoxxenti tal-istess u ta' l-kunsens tieghu ghall-istess self, tant li hu wkoll mar jissellef minghand l-istess attrici u wkoll skond ix-xhieda ta' Anthony Borg huwa kien kellem lill-istess konvenut dwar l-istess ammonti ta' flus mislufa mill-konvenuta u dawn ix-xhieda jikkontradixxu palezament il-provi tal-istess konvenut liema xhieda ta' dan tal-ahhar fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hijiex veritiera, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha wkoll tigi michuda.

Dawn l-ammonti bl-ebda mod ma gew kontradetti mill-konvenuti, u ghalhekk l-ammont globali dovut hu ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800).

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) ammont ta' flus mislufa mill-atturi lill-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effetiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru, 2001**